

Guido Lanfranco

Daqq u silenzju tal-Qniepen tagħna

Il-qniepen daħlu f'kull aspett tal-ħajja u, tul is-snin, żviluppaw lingwaġġ li jifhmu kulħadd. Imma waqt li d-daqq tal-qniepen jgħaddilna l-messaġġi, is-silenzju jew it-trażżin tagħhom jista' wkoll ikollu l-messaġġ tiegħu. Dan ġara b'mod speċjali żmien iż-żewġ gwerer dinjija.

Il-qniepen tal-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor bdew jindaqqu sa mill-1881 u meta daħlu qniepen ġodda fl-1890 dawn bdew idoqqu t-tokki u l-moti tradizzjonali tal-Pater Noster, ta' l-Anġelus ta' filgħodu u ta' nofsinhar, kif ukoll l-Avemaria u s-siegħa lejl jew ta' L-Imwiet wara nżul ix-xemx.

Dawn minbarra t-tokki tal-Ġimgħa fit-tlieta ta' wara' nofsinhar u devozzjonijiet oħra. Sadattant, ukoll tradizzjonalment fil-liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa, kienu u għadhom jibqgħu silenzjużi mill-Glorja ta' Ħamis ix-Xirka sal-Glorja tas-Sibt.

Il-qniepen tal-knejjes kollha qatt ma kienu waqfu jdoqqu u kienu jinstemgħu, tista' tgħid, il-ħin kollu daqqa għal ħaġa u daqqa għal oħra. Tal-knejjes eżistenti żmien meta l-Franċiżi kienu Malta kien projbit li jindaqqu biex ma jintużawx mill-Maltin bħala sinjal għal xi rivolta.

Fl-Ewwel Gwerra

Il-gwerra f'Gallipoli ħalliet eluf ta' mejtin u feruti. Malta ma kienetx taħt attakki imma saret sptar sħiħ. L-uffiċjal mediku Ingliż, kif ukoll il-Gvernatur kienu talbu lill-Arċisqof biex jikkontrolla d-daqq sfrenat tal-qniepen minħabba l-feruti batuti fl-isptarijiet. L-Arċisqof Caruana kien ħareġ ċirkoloari fil-5 ta' Ġunju 1915 biex jikkontrolla d-daqq qrib dawn l-isptarijiet.

Id-daqq kellu jkun meqjus billi f'nofsinhar u fl-Avemarija jindaqqu sitt tokki biss u għall-Vjatku mhux aktar minn disa' tokki. It-tokki ta' nofsinhar u ta' l-Avemarija, tradizzjonalment kienu jimmarkaw il-ħin meta jieqaf ix-xogħol għall-ikel u fi tmiem il-jum rispettivament.

Madankollu, għalkemm ma kellniex attakki fuq ġiritna, xorta waħda fl-1917 inħasset il-biża' li jista' jseħħ xi attakk mill-ajru u l-gvernatur ħareġ struzzjonijiet biex f'dak il-każ tindaqq is-sirena tad-*dockyard* b'ton f'livell wieħed, id-dwal kollha jintfew u d-daqq tal-qniepen jieqaf għal kollox sakemm jingħata avviż ieħor.

Lejn it-Tieni Gwerra Dinjija

Fis-snin tletin bdew jinħassu sinjali ta' gwerra minħabba l-inkursjonijiet ta' Mussolini fl-Abbissinja, u l-awtoritajiet ċivili u militari bdew joħorġu struzzjonijiet dwar provi ta' dak li kellu jsir f'każ ta' gwerra. Bejn Settembru u Ottubru 1935, bħala eżempju, kellhom isiru tliet testijiet ta' *blackout* bit-tifi ta' dwal f'ċerti ħinijiet. Tliet tiri ta' murtali minn Kastilja kellhom jimmarkaw il-bidu ta' l-eżerċizzju u d-daqq tal-qniepen jimmarka t-tmiem.

Fl-1939, meta aktar bdiet tinħass riesqa t-Tieni Gwerra Dinjija, bdew jingħataw struzzjonijiet, fost oħrajn, dwar sinjali ta' attakki mill-ajru. L-uffiċjali tal-ARP iċċaraw mal-kappillani li, għalkemm il-qniepen kellhom iħabbru l-attakk, ma kellhomx bżonn jużaw xi qniepen speċjali imma li jdoqqu b'li kellhom malli javżahom l-pulizija jew meta jisimgħu qniepen tal-qrib jew is-sirena.

Wara ftit żmien li bdiet il-gwerra il-qniepen ma komplewx javżaw il-bidu, imma t-tmiem ta' l-*air raid*. Aktar kemm bdiet riesqa l-gwerra aktar żdiedu l-avviżi dwar sigurtà, gass, kenn, u l-kumplament, imma l-qniepen daħlu fejn kellu x'jaqsam ma' l-attakki mill-ajru jew każ ta' invażjoni.

F'Settembru u Novembru 1939 l-Isqof ħareġ ċirkolarijiet biex isir talb u, fl-istess ħin, biex ifisser ir-rwol tal-qniepen f'każ ta' gwerra. Fil-31 ta' Mejju 1940 avviż tal-pulizija No.263 u oħrajn warajh avżaw li s-sirena tħabbar attakk mill-ajru b'ton kontinwu jogħla u jinżel u wara r-*raid* b'nota monotona kontinwa f'livell wieħed. Is-sireni kellhom jindaqqu mill-għases tal-pulizija u ċentri ta' l-ARP fil-postijiet l-aktar strateġiċi. Wara' dan, wieħed kellu jistenna l-qniepen idoqqu l-*All clear* qabel joħroġ mill-kenn.

Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija

Minbarra s-sirena u l-qniepen kien hemm ukoll sinjali viżwali bil-bnadar minn fuq it-turretta tal-palazz li kienet tidher sewwa minn Tas-Sliema. Qabel ma jingħata sinjal ta' attakk kienet tittella' bandiera trijangolari ħamra b'faxx wiesa' isfar vertikali fin-nofs bħala *observe,* jew attenzjoni.

Bandiera ħamra kienet tavża *air raid* u oħra ħadra tawwalija b'faxx abjad fin-nofs bħala *raiders passed*. Imma għall-*all clear* kellhom ikunu il-qniepen.

Daqqew fil-Ġimgħa l-Kbira

Kif semmejna, il-qniepen tagħna normalment ma jdoqqux fil-Ġimgħa l-Kbira imma, fi żmien il-gwerra, fl-11 ta' April, 1941 nzerta l-jum tal-Ġimgħa fil-Ġimgħa Mqaddsa meta dakinhar kien hemm attakk mill-ajru. Meta għadda kollox, il-qniepen kellhom idoqqu l-*all clear* skond ir-regolamenti meta qatt qabel ma kien daqqewhom fil-Ġimgħa l-Kbira!

Silenzju ieħor

Fl-1942 bin-nuqqas ta' provisti ta' ammunizzjoni u ikel waqt attakki kontinwi lejl u nar, inħasset li l-invażjoni ta' Malta ma kienetx fil-boghod. Struzzjonijiet ġodda avżaw li f'dak il-każ idoqqu s-sireni flimkien mal-qniepen kollha. F'Jannar 1942 ħarġu direttivi li d-daqq tal-qniepen fl-*All clear* ma jibqax isir aktar minħabba li kellhom jindaqqu biss f'każ ta' invażjoni. Il-pulizija żammew lista tal-kampnari jew daqqaqa tal-qniepen u, billi dawn kienu jithallsu xi ħaġa għas-servizz taghhom saru arranġamenti biex, ukoll wara Jannar meta nżamm id-daqq tal-qniepen, il-ħlas jibqa' jsir xorta waħda.

Fil-waqa' ta' Tuneż

Fl-1943 l-għadu taffa mill-attakki fuq Malta għax kellu l-inkwiet fl-Afrika ta' Fuq. Kulhadd kien ħadha bħala ħaġa żgura li Tunes se taqa' taħt l-Alleati. Tunes waqa' fit-8 ta' Mejju 1943 u l-isqof avża li l-għada l-Ħadd jindaqqu l-qniepen kollha. Imma hawn ukoll kellha tidħol il-kwistjoni tal-preċedenza.

Il-qanpiena ta' Sant' Anġlu kellha ddoqq f'nofsinhar nieqes ħamsa biex f'nofsinhar idoqqu tal-kon-kattidral ta' San Ġwann fil-Belt u fl-aħħar idoqqu l-qniepen kollha ta' Malta għal mhux aktar minn kwarta. Saru dimostrazzjonijiet kullimkien. Il-Ħadd 23 ta' Mejju kellha tkun imfakkra uffiċjalment ir-rebħa u tkanta t-*Te Deum* (it-Tedew) fil-knejjes akkumpanjat minn mota ferrieħa tal-qniepen. Fl-1945 il-Ġappun ċeda u t-Tieni Gwerra Dinjija ntemmet. Saru bosta ċerimonji u Tedewijiet fost id- daqq tas-sireni fil-portijiet u l-qniepen ta' kullimkien.

Silenzu waqt restawr

Fl-1987 kien sar restawr fuq il-qniepen u għalhekk ma setgħux jindaqqu minn isfel u kellu jieqaf id-daqq ta' kuljum. Imma fl-Imnarja tal-1988 tlestew u ndaqqet mota ferrieħa għall-okkażjoni.

Liberty Store

49, St. John Baptist Street, Sliema
Tel: 2133 2902

For your daily needs

Dive Systems

PADI Dive Centre
BSAC School

AQUAMARINA SPORTS
48, Gżira Road, Gżira
Tel: 2131 7137 • Fax: 2134 2040